DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 106/2011

tat-30 ta' Settembru 2011

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 89/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 92/2010 tat-2 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward ta' skambju ta' dejta bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali, il-kompilazzjoni tal-istatistika, u l-valutazzjoni tal-kwalità [2], għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-kopertura kummerċjali, id-definizzjoni tad-dejta, il-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju u skont il-munita tal-fatturat, u oġġetti speċifiċi jew movimenti [3], għandu jkun inkorporat fil-Ftehim

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 113/2010 iħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2000 [4], li hu inkorporat fil-Ftehim, iżda li għandu jkompli japplika għall-Istati tal-EFTA sakemm il-miżuri sabiex jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 471/2009 jitpoġġew fis-seħħ u wara jiġi mħassar skont il-Ftehim b'effett mill-1 ta' Jannar 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI :

Artikolu 1

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 8a (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95):

"8aa. **32010 R 0092**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 92/2010 tat-2 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward ta' skambju ta' dejta bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali, il-kompilazzjoni tal-istatistika u l-valutazzjoni tal-kwalità (ĠU L 31, 3.2.2010, p. 4).

8ab. **32010 R 0113**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-kopertura kummerċjali, id-definizzjoni tad-dejta, il-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju u skont il-munita tal-fatturat, u oġġetti speċifiċi jew movimenti (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud mal-Artikolu 4(2):

'Għall-Istati tal-EFTA 'il-valur doganali' għandu jiġi definit fi ħdan ir-regoli nazzjonali rispettivi.'

(b) Is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud mal-Artikolu 7(2):

'Għall-Istati tal-EFTA 'pajjiż ta' oriġini' għandu jittieħed li jfisser il-pajjiż li fih oriġinaw l-oġġetti skont it-tifsira tar-regoli nazzjonali ta' oriġini rispettivi.'

(ċ) Ir-referenza għar-Regolament (KE) Nru 2454/93 fl-Artikolu 15(4) ma tapplikax."

2. It-test tal-punt 16a (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2000) għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 92/2010 u (UE) Nru 113/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

[1] ĠU L 262, 6.10.2011, p. 61.
[2] ĠU L 31, 3.2.2010, p. 4.
[3] ĠU L 37, 10.2.2010, p. 1.
[4] ĠU L 229, 9.9.2000, p. 14.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-1 ta' Ottubru 2011, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 105/2011 tat-30 ta' Settembru 2011 [1], skont liema minn dawn tkun l-aktar tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

[1] Ara paġna 43 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.